# Ħal Safi fil-Gwerra

*kitba ta' Ninu Busuttil (Tat-Teqqa)*



## Introduzzjoni

It-Tlieta 11 ta' Ġunju 1940, is-sebgħa ta' fil-għodu. Sireni jdoqqu, ħsejjes ta' bombi niżlin u sparar ta' kanuni. 'X'ġara?' kulħadd jistaqsi; paniku fost in-nies. 'Faqqgħet il-gwerra,' bdew jgħidu. Mussolini tal-Italja ngħaqad ma' Hitler tal-Ġermanja kontra tagħna. Dan Hitler kien ġa beda gwerra kontra l-Ewropa fil-bidu ta' Settembru 1939, fejn l-effetti tagħha ftit li xejn kienu nħassu hawn Malta.

Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Franġisk Xuereb, li kien maħbub ħafna mal-Ħalsafin, beda jdur mal-familji biex jagħmlilhom il-kuraġġ u jsabbarhom u anke offra li jiftaħ il-knisja sabiex imorru jitolbu u fl-istess ħin isibu kenn.

## Refuġjati

L-aktar li bata l-ħsara tal-gwerra kien il-poplu tal-Kottonera minħabba t-tarzna. Għalhekk in-nies ta' dawk l-inħawi bdew ħerġin minn hemm u jfittxu refuġju fi rħula oħra. Ħal Safi kien wieħed minn dawn magħżula u ma damx wisq biex imtela b'dawn ir-refuġjati. Ma kienx hawn dar jew kamra vojta li ma nkrietx. Dawn kienu r-refuġjati li niftakar jien:

*Triq iż-Żurrieq*: (1) Familja Portelli li kienu jgħixu fejn illum hemm Ġużi tal-Fokli.

*Pjazza tal-Knisja:* (2) Ċertu Dwardu u 3 xebbiet f'kamra waħda fejn illum hemm taraġ għal fuq fejn kien hemm il-ħanut ta' Ineż.

(3) Familja Magrin fil-Każin San Pawl. Din il-familja tilfet lill-ġenituri f'ġurnata waħda – fil-għodu mietet l-omm u fil-għaxija miet il-missier.

*Triq San Pawl:* (4) Familja Busuttil ma' Fonzu tal-Ispettur (missier Violet), fejn wara marret toqgħod il-familja ta' Salvina u Pietru Cachia. Dan Pawlu Busuttil kien *foreman* mal-Gvern u kien minn Ħal Safi iżda kien joqgħod Raħal Ġdid. (5) Nisa Interni tal-Mużew (fosthom Grezz ta' Natu minn Ħal Safi) flok il-Mużew tas-Subien; illum joqgħod hemm Alfred Xerri. (6) Familja Genovese ma' Pawlu Busuttil Ċrieket u t-Teqqa, fejn illum hemm Ġuża, armla ta' ħija David.

*Triq San Ġużepp:* (7) Familja Debattista ħdejn Gerita ta' Żaren ta' Tona. (8) Familja Grillo li kienet ma' tal-Marruxa, fejn kien joqgħod dan l-aħħar Anġlu tal-Ġebaq.

*Triq San Franġisk:* (9) Familja minn Ħal Luqa (il-mara tiġi oħt Filomena ta' Kaspan), fejn illum hemm ix-xebbiet Karmela u Ċetta ta' Toni ta' Bendu.

*Triq Ħlantun:* (10) Familja mill-Belt f'remissa ta' Karmnu taż-Żann u għalhekk konna laqqamniehom 'Tal-Garaxx'. (11) Familja minn Ħal Luqa fil-garaxx ta' Marċal fejn illum hemm ibnu Piju.

*Triq Santa Marija:* (12) Familja Carabott f'kamra taċ-Ċentru Parrokkjali fejn xi snin ilu kien hemm tim tal-futbol u wara mastrudaxxa. (13) Familja Pizzuto, fid-dar tal-Kappillan.

*Sqaq tal-Bużu:* (14) Familja Sciberras u familja oħra minn B'Buġa.

*Triq Dun Ġ. Caruana*: (15) Familja minn Raħal Ġdid ma' tal-Merkant.

## *Shelters*

Sa ma tlestew ix-xeltrijiet, kien jiġi l-Perit Vassallo u jagħmel spezzjoni fid-djar u jagħti parir fejn l-aħjar li jsir xi kenn proviżorju għal waqt l-attakki mill-ajru (*air raids*). Niftakar li fid-dar tagħna kienu saqqfulna taħt it-taraġ bil-fallakki u s-seratizzi ħoxnin. Għalhekk kull meta ddoqq is-sirena aħna konna mmorru niġru għal taħt dan il-kenn. Ftit taż-żmien wara kienu tlestew ix-xeltrijiet fil-blat. Dan kien xogħol diffiċli, għax ta' min jgħid illi dawn kollha tħaffru bl-idejn. L-uniku għodda li kellhom kienu baqqun, spnar (skarpell kbir) u mazza. Dak iż-żmien ma kinux jeżistu kompressuri, eċċ. Ta' min jirringrazzja u jiftakar f'dawk il-ħaddiema ta' dak ix-xogħol li wettqu.

Meta tlestew ix-xeltrijiet bdejna ninżlu fihom kull meta s-sirena kienet iddoqq *air raid warning*. Imma meta l-attakki bdew isiru aktar spissi, il-biċċa l-kbira konna nibqgħu fix-xelter ġranet sħaħ. Għalhekk kienu bdew iħaffru kamra li tkun għal familja. Missieri kien wieħed minn dawn u għadni niftakar xħin jiġi mix-xogħol kien jinżel bil-baqqun u jħaffer ftit kuljum sakemm lestieha. Wara li ksieha bl-injam, minħabba l-umdità, bdejna norqdu fiha kuljum, imma xorta waħda l-friex u l-għata kienu jixxarrbu bl-umdità. Għalhekk ommi kull filgħodu kienet ittella' l-kutri sabiex tperriċhom.

Hawn taħt se nikteb fejn kienu x-xeltrijiet f'Ħal Safi:

Fi *Triq iż-Żurrieq* kien hemm tnejn. Fil-*Pjazza tal-Knisja* kien hemm wieħed. Dan ix-xelter huwa kbir ħafna

u kien fih anke kamra tal-maternità, għax għalkemm kienet il-gwerra, it-twelid tat-trabi ma waqafx. Fi *Triq San Pawl* kien hemm erba' xeltrijiet. *Misraħ San Ġużepp, Triq Ħlantun, Triq San Ġorġ, Triq San Tumas u Triq Santa Marija* kellhom xelter kull wieħed.

## Nuqqas ta' ikel

Fi żmien ta' gwerra jkun hawn ħafna nuqqasijiet bħal pereżempju ħwejjeġ u bżonnijiet oħra, imma l-aktar li tħoss huwa n-nuqqas ta' ikel. Minbarra li ma ssibx li trid, kollox kien bir-razzjon, kemm kemm ma tmutx bil-ġuħ. Insemmi biss il-ħobż. Dan kien bir-razzjon ta' kwart u nofs (300 gramma) kull persuna, u magħmul mill-qamħirrun. Niftakar li jien u ħija ta' qabli, Michelangelo, konna niżnu s-sehem tagħna u ġie li konna nisirqu ta' xulxin. Nibdew niġġieldu u ommi miskina kienet tagħtina tagħha u tibqa' b'xejn.

## Il-*Victory Kitchen*

Il-Gvern kien ħoloq il-*Victory Kitchen* fejn kien jissajjar ikel kuljum. Kont tieħu sehmek billi tixtri l-biljett u tmur f'nofs inhar u tieħu dak li jkun hemm fil-menù tal-ġurnata.

Il-*Victory Kitchen* ta' Ħal Safi kienet quddiem is-sorijiet fid-dar fejn illum toqgħod Jessie ta' Karmnu taż-Żann. Kienu tlieta dawk li kienu jmexxu din il-kċina. Dawn kienu: Mija ta' Ġola (Mrs. Abdilla), Ġini tal-Garaxx (ħadet dan il-laqam għax kienu joqogħdu fir-remissa ta' Karmnu taż-Żann fi Triq il-Ħlantun), u Ċikka ta' Ċensu (omm Konsa). Xogħolhom kien imqassam hekk: Mija taqta' l-biljetti, Ġini tgħin fil-ħasil, u Ċikka ssajjar. Din Ċikka kienet koka professjonali għax għalkemm kien ikollha laħam tal-mogħoż xi ssajjar, xorta waħda kienet tagħmel stuffat eċċellenti. Meta kont immur jien biex inġib l-ikel kienet tgħidli mmur l-aħħar. Jien għall-ewwel kont niddejjaq, imma wara ndunajt x'kienet ir-raġuni għaliex flok biċċa ttini tnejn.

Hawnhekk se nikteb żewġ taqbiliet qosra li kienu jkantaw bi kritika lil tal-*Victory Kitchen*.

*Minestra bla ġobon*
*Kull ġuvni jogħġobhom*
*Tal-Victory Kitchen.*

*Jagħmlu xagħarhom perm*
*Minn fuq dahar il-Gvern*
*Tal-Victory Kitchen.*

Ta' min isemmi każ li ġara lili u tlieta oħra meta konna tfal. Jiena, Karmenu tal-Manamont (wara sar Dun Karm), Salvu Schembri (Iż-Żubru) ta' Dorina, u Toni Debattista (ta' Lucy, li kien ġie joqgħod Ħal Safi fil-gwerra), konna morna l-Karwija fejn kien ikun hemm ajruplani bil-ħsara, sabiex insibu xi żewġ roti tal-borrejs (*ball-race*) ħalli nużawhom għal xi skuter. Kif konna sejrin id-dar ġie fuqna surġent tar-Royal Air Force u qalilna biex immorru miegħu fil-*guard room*. Jiena bżajt u ħrabt għax ħsibt li biex jaqbad lili mhux se jħalli t-tlieta l-oħra, kif fil-fatt għamel. Imma fallieli, għax fil-għaxija ġew sħabi u qaluli li kellhom jgħidulu ismi u fejn noqgħod għax beżżagħhom li se jħallihom fil-*guard room*.

Għadda ż-żmien u ħaduna l-qorti li kien fil-każin ta' San Gejtanu l-Ħamrun. Dun Karm, li kien il-kbir fostna, qalilna sabiex ma nitkellmux fil-qorti u ngħidu biss dak li jgħid hu. U hekk għamilna. Beda Dun Karm fejn qal lill-maġistrat li morna l-Karwija biex insibu xi rota skartata ħalli nagħmlu skuter. Il-maġistrat staqsa lil Salvu u dan qallu: 'Bħal ta' qabli Sur Maġistrat.' Staqsa lil Toni u qallu l-istess; staqsa lili u għidtlu l-istess. Dan għall-ewwel donnu ħabat jirrabja u fl-aħħar qalilna: 'Prosit, għamiltuli bħal tat-tottu.' Ma nafx x'ried jgħid biha. Qam u qalilna mmorru u noqogħdu bilgħaqal.

Din l-istorja ma waqfitx hawn. Meta għadda ż-żmien ġejt bżonn niġbor il-kondotta. Mort id-depot tal-pulizija u meta bdejt naqra nsib dawn il-preċiżi kelmiet: '*Accused for theft of four pounds twelve shillings from Safi Aerodrome on the 8th of April 1942.*' Jien bqajt skantat u l-pulizija qalli biex ma ninkwetax, u jekk irrid stajt inneħħiha billi nħallas xi ħames liri, u jien għidtlu biex iħalliha għax dik kienet parti mill-istorja ta' tfuliti.

Nispiċċa dan l-artiklu billi nagħmel appell lill-Madam tal-iskola, li naf kemm għandha għal qalbha kemm l-istudenti tagħha kif ukoll l-istorja ta' Ħal Safi, biex bi qbil mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, isibu mezz u jniżżlu lit-tfal jaraw xi xelter sabiex ikunu jafu kemm batew ta' qabilhom, u hekk isiru jobogħdu l-gwerer u jħobbu iżjed il-paċi.

Fl-aħħar nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha u nispiċċa bis-soltu versi ta' tfuliti li tant inħobb:

VIVA SAN PAWL
MISSIER IL-MALTIN
U PATRUN QAWWI
TAL-ĦALSAFIN.